

Brussell, 25 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11954/25

VETER 81
AGRI 367

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2016/1012 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali")

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 422 final.

Mehmuż: COM(2025) 422 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.7.2025
COM(2025) 422 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont
ir-Regolament (UE) 2016/1012 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-
tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-
tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-
Annimali")**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2016/1012 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tniissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil, ħnieżer tat-tniissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom ("ir-Regolament dwar it-Tniissil tal-Annimali")

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2016/1012 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tniissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil, ħnieżer tat-tniissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom ("ir-Regolament dwar it-Tniissil tal-Annimali")¹ ġie adottat fl-2016. Dak ir-Regolament daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2016 u ilu japplika mill-1 ta' Novembru 2018.

Ir-Regolament issostitwixxa tmien Direttivi tal-Kunsill (id-Direttivi tal-Kunsill 87/328/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 90/118/KEE, 90/119/KEE, 90/427/KEE, 94/28/KE u 2009/157/KE)² u għadd ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont dawk id-Direttivi, dwar it-tniissil tal-ifrat, tal-ħnieżer, tan-nagħaġ u tal-mogħoż kif ukoll tal-ekwidu, u dwar l-importazzjonijiet tal-annimali għat-tniissil. Barra minn hekk iħassar id-Direttiva 91/174/KEE³

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tniissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil, ħnieżer tat-tniissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tniissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tniissil tal-Annimali") (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66) ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1012/oj>.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem tal-ifrat tar-refgħa ta' razza pura (ĠU L 167, 26.6.1987, p. 54) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1987/328/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar l-istandards żootekniċi applikabbli għal tniissil ta' annimali tal-ispeċi tal-majjal (ĠU L 382, 31.12.1988, p. 36) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1988/661/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE tat-30 ta' Mejju 1989 li tikkonċerna n-nagħaġ u l-mogħoż tar-razza għat-tagħmir (ĠU L 153, 6.6.1989, p. 30) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1989/361/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/118/KEE tal-5 ta' Marzu 1990 fuq l-aċċettazzjoni ta' nisel pur tal-majjali tal-ifrat (ĠU L 71, 17.3.1990, p. 34) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1990/118/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/119/KEE tal-5 ta' Marzu 1990 dwar it-tniissil minn razza differenti tal-majjali tal-ifrat (ĠU L 71, 17.3.1990, p. 36) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1990/119/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/427/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi li jirregolaw kummerċ intra-Komunitarju f'*equidae* (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 55) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1990/427/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE tat-23 ta' Ġunju 1994 li tniżżel il-prinċipji dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi tal-annimali, is-semen, l-ova u l-embrijoni tagħhom, u li temenda d-Direttiva 77/504/KEE dwar l-annimali ta' razza pura tal-ispeċi bovina (ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1994/28/oj>.
Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tniissil (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 1) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/157/oj>.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/174/KEE tal-25 ta' Marzu 1991 li tistabbilixxi l-ħtiġiet żootekniċi u tar-razza għall-marketing tal-annimali ta' razza pura u li temenda d-Direttivi 77/504/KEE u 90/425/KEE (ĠU L 85, 5.4.1991, p. 37) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/174/oj>.

(tnissil tal-annimali ta' speċijiet oħra) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/463/KE⁴ li tinnomina korp ta' referenza tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament jikkonsolida l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawk id-Direttivi f'qafas legali uniku fl-għamla ta' Regolament, jissimplifikahom u jadattahom għat-Trattat ta' Liżbona. Barra minn hekk, jintroduċi dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli u l-attivitajiet uffiċjali li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta għadd ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. Jimponi wkoll fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tirrapporta lill-koleġislatur dwar l-eżerċizzju tas-setgħat iddelegati li jkun fih.

2. BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) 2016/1012. Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati dwar il-kwistjonijiet elenkati fih tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-19 ta' Lulju 2016 u l-Kummissjoni mitluba tfassal rapport fir-rigward tas-setgħat iddelegati mhux iktar tard minn 9 xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' 5 snin.

Kif stabbilit fl-Artikolu 61(2), il-Kummissjoni għandha s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 26(1), 29(5), 30(9) u 32(1) tar-Regolament (UE) 2016/1012.

L-Artikolu 61(2) jistipula wkoll li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu, filwaqt li l-Artikolu 61(3) jiddikjara li d-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Matul l-ewwel perjodu ta' rapportar (sad-19 ta' Ottubru 2020), il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat iddelegati tagħha mogħtija bl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2016/1012, billi adottat l-att delegat obbligatorju li ġej:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1940 tat-13 ta' Lulju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut u tal-format ta' ċertifikati żootekniċi maħruġa għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina inklużi f'dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għall-equidae⁵.

Dak l-użu tas-setgħa ddelegata u r-Regolament Delegat li jirriżulta minnha matul l-ewwel perjodu ta' rapportar ġie deskritt fl-ewwel rapport⁶.

Matul it-tieni perjodu ta' rapportar kopert minn dan ir-rapport (sad-19 ta' Ottubru 2025), il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat iddelegati tagħha.

⁴ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/463/KE tat-23 ta' Lulju 1996 li tinnomina l-korp ta' referenza responsabbli biex jikkollabora ħalli jagħmel l-istess il-metodi tal-ittestjar u l-evalwazzjoni tar-riżultati għal annimali ta' razza pura tal-ispeċi tal-bovini* (ĠU L 192, 2.8.1996, p. 19) ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1996/463/oj>.

⁵ ĠU L 275, 25.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/1940/oj.

⁶ COM(2024) 16 final.

Sal-aħħar tat-tieni perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni għalhekk użat waħda mill-erba' setgħat biex tadotta atti delegati kif previst fir-Regolament (UE) 2016/1012. It-tliet setgħat li fadal mhumieq obligatorji. Dawn jikkonċernaw l-emendi possibbli tal-Anness III (ir-rekwiżiti għall-kontroll tal-prestazzjoni u l-evalwazzjoni ġenetika), l-Anness IV (ir-rekwiżiti għaċ-ċentri ta' referenza tal-Unjoni Ewropea u l-kompiti tagħhom) u l-Anness V (il-kontenut taċ-ċertifikati żootekniki) tar-Regolament. Dawn it-tliet Annessi fihom għadd kbir ta' elementi tekniċi, u l-adattament tagħhom jista' jkun meħtieġ, *inter alia*, fid-dawl ta' żviluppi tekniċi, avvanzati xjentifiċi jew il-funzjonament tas-suq intern.

S'issa, ma kienet meħtieġa l-ebda emenda ta' daww l-Annessi bħala segwitu ta' żviluppi tekniċi jew avvanzati xjentifiċi. Lanqas ma kienet meħtieġa l-emenda tagħhom indikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew mill-partijiet ikkonċernati.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni wettqet kif xieraq l-att delegat abbażi tas-setgħa prevista fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2016/1012, jiġifieri r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1940. Il-Kummissjoni tara l-hteġa li dik is-setgħa tinżamm peress li jistgħu jkunu meħtieġa emendi fil-ġejjieni ta' dak ir-Regolament Delegat.

Peress li t-tliet setgħat li jikkonċernaw l-atti delegati li jemendaw l-Annessi III, IV u V tar-Regolament (UE) 2016/1012 huma marbuta b'mod ċar mal-avvanzati xjentifiċi jew tekniċi, il-Kummissjoni tara l-hteġa li daww is-setgħat kollha jinżammu biex tadotta atti delegati kif previst f'dak ir-Regolament. X'aktarx li fil-ġejjieni jista' jkun hemm bżonn li jiġu żviluppati u adottati atti delegati bbażati fuq daww is-setgħat. Huwa importanti li tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa fil-qafas legali peress li t-teknikalitajiet fl-Annessi III, IV u V tar-Regolament jistgħu jeħtieġu li jiġu aġġornati minħabba żviluppi tekniċi jew avvanzati xjentifiċi fil-ġejjieni, jew fid-dawl tal-funzjonament tas-suq intern.

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) 2016/1012 u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.